MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 39/2004/1

**Ivan Vella**

**v.**

**Avukat Generali,**
**Ministru tas-Sahha u**
**l-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari ghall-Medicina**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan huwa appell tar-rikorrent Ivan Vella minn **sentenza** moghtija mill-prim'awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-**19 ta' Mejju 2011** li cahdet l-ewwel, it-

tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent billi sabet li ma weriex li huwa garrab xi ksur tad-dritt kontra d-diskriminazzjoni kemm taht l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, jew li l-Kunsill intimat gab ruhu b'mod diskriminatorju fil-konfront tal-istess rikorrent meta naqas li jirregistra lill-istess rikorrent bhala *dental technologist* fir-registru relattiv tal-Professjoni Komplimentari ghall-Medicina skont l-Att XII tal-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Sahha; astjeniet milli tqis ir-raba' talba tar-rikorrent billi din tiddependi mit-talbiet ta' qabilha; astjeniet milli tqis it-tieni eccezzjoni tal-Ministru intimat; laqghet l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimati; u ordnat li r-rikorrent ihallas l-ispejjez tal-kawza, b'dan li l-intimati jridu jhallsu l-ispejjez marbuta mas-sentenza preliminari tat-23 ta' Gunju, 2005.

**2.** Fis-**sentenza preliminari** taghha tat-**23 ta' Gunju 2005** l-ewwel Qorti ddecidiet l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati billi cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Ministru tas-Sahha u t-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-intimati l-ohra, cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali u astjeniet milli tqis f'dak l-istadju t-tieni eccezzjoni tal-intimat Ministru tas-Sahha.

**3.** Is-sentenza tal-ewwel Qorti tad-**19 ta' Mejju 2011** sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell:-

**"Il-Qorti:**

"Regghet rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta' Ottubru, 2004, li bih u ghar-ragunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li (a) il-Qorti ssib li c-cahda min-naha tal-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari ghall-Professjoni Medika (aktar 'il quddiem imsejjah "il-Bord") li jaghrfu bhala *dental technician* u li jaghtih licenza biex jahdem f'dik il-professjoni hija diskriminatorja bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejha "il-Kostituzzjoni") u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejha "il-Konvenzjoni"); (b) li l-Qorti ssib li l-artikolu 85 tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta'

Malta u l-artikolu 28 tal-Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta huma minnhom infushom diskriminatorji fl-effett taghhom fil-konfront tieghu; (c) li l-Qorti ssib li, fit-twettiq tal-funzjonijiet tieghu fir-rigward tar-rikorrent, il-Bord mexa b'mod diskriminatorju minn kif mexa ma' haddiehor, kemm jekk Maltin ohrajn u kif ukoll barranin; u (d) li ghalhekk il-Qorti taghtih kull rimedju li jidhrilha xieraq, fosthom dak li l-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina (aktar 'il quddiem imsejjah "il-Kunsill") li dahal minflok il-Bord jaghtih l-istess opportunita' li nghata haddiehor bhalu u li jiddahhal bhala *dental technologist* registrat, minbarra li tillikwida d-danni li huwa garrab minhabba dak l-ghamil diskriminatorju;

"Rat it-Twegiba mressqa mill-imtimat Ministru tas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-Kommunita' fl-10 ta' Novembru, 2004, li biha laqa' ghall-azzjoni tar-rikorrent billi, fl-ewwel lok, qal li r-rimedju li qieghed jitlob ir-rikorrent kien dak ta' stharrig gudizzjarju mahsub fl-artikolu 469A tal-Kap 12, u ghalhekk din il-Qorti jmissha taghzel li tirrifjuta li tezercita s-setgha taghha kostituzzjonali billi r-rikorrent kellu rimedju ordinarju li seta' u messu ha. L-istess intimat qanqal ukoll eccezzjoni ohra ta' xejra procedurali preliminari li biha jghid li ma messux gie mharrek, ghaliex huwa ma kien bl-ebda mod involut fil-procedura li minnha jilminta r-rikorrent. Fil-mertu, cahad li huwa wettaq xi ghamil diskriminatorju bi hsara ghar-rikorrent;

"Rat it-Twegiba mressqa mill-intimati l-ohrajn fil-11 ta' Novembru, 2004, li biha qalu li l-intimat Avukat Generali m'huwiex il-kontradittur legittimu tal-azzjoni tar-rikorrent. Qalu wkoll li din il-Qorti jmissha taghzel li ma tismax il-kaz ghaliex ir-rikorrent kellu rimedji ordinarji li naqas li jiehu; ghalhekk, l-azzjoni hija intempestiva, u l-Qorti jmissha tirrifjuta li twettaq is-setghat taghha kostituzzjonali billi l-azzjoni hija fiergha u vessatorja. Fil-mertu, laqghu billi qalu li r-rikorrent ma garrab l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu billi l-Kunsill intimat mexa mieghu b'mod regolari u skond il-ligi u ma hemm lok ghall-ebda danni favurih. Qalu li n-nuqqas ta' registrazzjoni tar-rikorrent bhala *dental technologist* ma taqa' taht l-ebda wahda mir-ragunijiet mahsuba fl-artikolu 45(3) tal-

Kostituzzjoni, filwaqt li l-ilment dwar l-artikoli 85 tal-Kap 31 u l-artikolu 28 tal-Kap 464 huma mharsin bid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 45(5) tal-Kostituzzjoni, minbarra li l-artikolu 85 imsemmi llum il-gurnata m'ghadux jezisti. F'kull kaz, jghidu li r-rikorrent irid juri kif l-imsemmija artikoli tal-ligi huma diskriminatorji fil-konfront tieghu. Dwar l-ilmenti tar-rikorrent dwar ksur tal-jeddijiet tieghu taht il-Konvenzjoni, laqghu billi qalu li ma sehh l-ebda ksur ta' xi wiehed minn dawk l-artikoli u li, f'kull kaz, huwa ma jaghti l-ebda dettalji dwar il-persuni li huwa allega li kienu ttrattati ahjar minnu. Sahqu li l-Kunsill mexa fil-parametri tal-ligi u ma wettaq l-ebda diskriminazzjoni. Dwar ir-raba' talba, l-intimati qalu li din ma tistax tintlaqa' billi, fl-ghoti tar-rimedji li tintalab taghti, l-Qorti ma tistax tiehu r-rwol tal-Kunsill intimat u tohrog hi r-registrazzjoni ta' *dental technologist* favur ir-rikorrent;

"Rat is-sentenza preliminari taghha tat-23 ta' Gunju, 2005[1], li biha u ghar-ragunijiet hemm imfissra, cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Ministru intimat, cahdet it-tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet preliminari tal-intimati l-ohrajn, cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali u astjeniet milli tqis it-tieni eccezzjoni preliminari tal-Ministru intimat sakemm tisma' l-provi tal-kaz fil-mertu;

"Rat id-degriet taghha tat-2 ta' Dicembru, 2005[2], li bih u fuq talba maghmula mir-rikorrent b'rikors tieghu tad-29 ta' Novembru, 2005, awtorizzatu li jressaq il-provi tieghu bil-mezz tal-affidavit;

"Rat ix-xhieda mressqa mir-rikorrent, maghduda l-provi dokumentali;

"Semghet ix-xhud imressqin mill-partijiet;

"Rat id-degriet taghha tas-16 ta' Mejju, 2007[3], li bih awtorizzat lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet taghhom b'Noti miktuba;

---

[1] Pagg. 31 sa 45 tal-process

[2] Pag. 48 tal-process

[3] Pag. 128 tal-process

“Rat id-degriet taghha tas-6 ta’ Dicembru, 2007, li bih u fuq taghrif moghti lilha mill-gharef difensur tar-rikorrent, ordnat li l-partijiet iressqu Nota fl-atti tal-kawza biex jiddikjaraw jekk xi bdil li kien sehh fic-cirkostanzi dwar registrazzjoni ta’ professjonisti kienx se’ jolqot il-kwestjoni tar-rikorrent;

“Rat il-verbali tas-smigh bejn il-15 ta’ Ottubru, 2008, u l-21 ta’ April, 2009, li fihom il-partijiet kienu qeghdin jippruvaw jilhqu arrangament barra l-Qorti;

“Rat il-verbal tas-smigh tal-21 ta’ April, 2009, fejn il-Qorti nghatat taghrif li l-partijiet ma kinux waslu f’arrangament;

“Rat id-degriet taghha tal-15 ta’ Dicembru, 2009[4], li bih hassret *contrario imperio* d-degriet taghha tas-16 ta’ Mejju, 2007, ladarba l-ebda wahda mill-partijiet ma kienet ressqet is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub, u ordnat li t-trattazzjoni tal-gheluq issir waqt smigh quddiemha bil-fomm mill-avukati difensuri;

“Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza;

“Rat id-degriet taghha tal-15 ta’ April, 2010, li bih halliet il-kawza ghas-sentenza;

***“Ikkunsidrat:***

“Illi din l-azzjoni tirrigwarda cahda ta’ gharfien ta’ kwalifiki tar-rikorrent biex jinghata licenza biex jahdem fil-qasam professjonali tieghu. Ir-rikorrent jghid li l-Bord[5] naqas li jaghraf il-kwalifiki tieghu billi mexa mieghu b’mod differenti minn kif mexa ma’ haddiehor u dan billi ma gharafx is-snin li hu ilu jippratika u jitharreg fil-professjoni tieghu u billi talbu juri kwalifika mitluba mil-ligi[6] meta ghal zmien twil certifikat bhal dan ma kienx qieghed jinhareg;

---

[4] Pag. 149 tal-process

[5] Bis-sahha tal-art. 26 tal-Att XII tal-2003 (Kap 464), l-isem moghti huwa “Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina”

[6] Dak iz-zmien l-art. 85 tal-Ordinanza XVII tal-1901 (kif mibdula) (Kap 31), Taqsima IX

"Illi ghal din l-azzjoni, l-intimati laqghu b'sensiela ta' eccezzjonijiet ta' xejra preliminari u procedurali u kif ukoll fil-mertu. Dwar il-mertu, jghidu li r-rikorrent ma garrab l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu billi l-Kunsill intimat mexa mieghu b'mod regolari u skond il-ligi u ma hemm lok ghall-ebda danni favurih. Qalu li n-nuqqas ta' registrazzjoni tar-rikorrent bhala *dental technologist* ma taqa' taht l-ebda wahda mir-ragunijiet mahsuba fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni, filwaqt li l-ilment dwar l-artikoli 85 tal-Kap 31 u l-artikolu 28 tal-Kap 464 huma mharsin bid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 45(5) tal-Kostituzzjoni, minbarra li l-artikolu 85 imsemmi llum il-gurnata m'ghadux jezisti. F'kull kaz, jghidu li r-rikorrent irid juri kif l-imsemmija artikoli tal-ligi huma diskriminatorji fil-konfront tieghu. Dwar l-ilmenti tar-rikorrent dwar ksur tal-jeddijiet tieghu taht il-Konvenzjoni, laqghu billi qalu li ma sehh l-ebda ksur ta' xi wiehed minn dawk l-artikoli u li, f'kull kaz, huwa ma jaghti l-ebda dettalji dwar il-persuni li huwa allega li kienu ttrattati ahjar minnu. Sahqu li l-Kunsill mexa fil-parametri tal-ligi u ma wettaq l-ebda diskriminazzjoni. Dwar ir-raba' talba, l-intimati qalu li din ma tistax tintlaqa' billi, fl-ghoti tar-rimedji li tintalab taghti, l-Qorti ma tistax tiehu r-rwol tal-Kunsill intimat u tohrog hi r-registrazzjoni ta' *dental technologist* favur ir-rikorrent;

"Illi wara s-sentenza preliminari taghha li biha iddecidiet dwar l-eccezzjonijiet preliminari, dak li l-Qorti jifdlilha tiddeciedi b'din is-sentenza huwa l-mertu tal-kaz u, jekk ikun il-kaz, jekk il-Ministru intimat messux kien imharrek f'din il-kawza bhala parti intimata;

"Illi mill-<u>fatti li johorgu mill-atti tal-kawza</u> jirrizulta li r-rikorrent twieled fl-1966 u sa mill-1992 kien jaghmel xoghol li ghandu x'jaqsam mat-teknologija tas-snien. Kien jahdem taht id-direzzjoni ta' haddiehor u mhux ghal rasu u x-xoghol li jitqabbad jaghmel ma jlaqqghux direttament ma' pazjenti ta' dentisti;

"Illi billi l-Universita' f'Malta ma kinitx toffri kors ghal studji fit-teknologija dentali, r-rikorrent kien segwa korsijiet barra minn Malta tul iz-zmien li dam jahdem f'dan il-qasam,

fosthom f'Liechtenstein lejn l-ahhar tal-2000 u f'Jannar tal-2003[7]. Sa minn qabel dan iz-zmien, f'Settembru tal-1999[8] ir-rikorrent ressaq talba mal-Bord biex jirregistrah formalment bhala *dental technician* halli jkun jista' jarma ghal rasu. Offra kampjun tax-xoghol tieghu u wera li jkun dispost ukoll li joqghod ghal prova li l-Bord seta' deherlu li kellu joqghod ghaliha. Il-Bord cahad it-talba tar-rikorrent f'Jannar tal-2000[9];

"Illi r-rikorrent qabbad avukat biex jitlob lill-Bord jibghat jghidlu liema dokumenti kienu mehtiega biex it-talba tieghu setghet tkun kunsidrata. Il-Bord wiegeb fi Frar tal-2000[10] u baghtlu l-lista ta' dokumenti li kien qieghed jistenna li r-rikorrent jibghatlu. L-avukat tar-rikorrent wiegbet b'ittra tas-17 ta' Marzu, 2000[11], b'ghadd ta' mistoqsijiet dwar ir-raguni ghalfejn il-Bord talab l-imsemmija dokumenti. Ix-xahar ta' wara[12], kiteb ukoll lill-Ministru intimat, wara li s-Segretarju tal-Bord kien kiteb lill-Ministru biex jgharrfu ghaliex ma kienx qed jilqa' t-talba tar-rikorrent (minhabba li r-rikorrent ma tqiesx li kellu l-kwalifiki akkademici mehtiega) u fejn kien issuggerixxa lill-Ministru intimat li jqis jekk ghandhomx jittiehdu passi kontra r-rikorrent talli kien qieghed jahdem bhala *dental technician* bla kwalifika[13]. B'ittra tat-22 ta' Mejju, 2000[14], il-Bord baghat jgharraf lir-rikorrent li ladarba kien naqas li jibghatlu t-taghrif dwar il-kwalifiki li kellu, ma kienx sejjer jirregistrah bhala *dental technologist*. Il-bdil ta' korrispondenza bejn il-partijiet issokta ghaddej fix-xhur ta' wara, izda l-qaghda ma nbidlitx[15];

"Illi r-rikorrent ressaq il-kaz tieghu quddiem l-Ombudsman, izda l-ilment tieghu ma ntlaqax;

---

7 Dokti "A" u "B" f'pagg. 54 – 5 tal-process
8 Dok "C1", f'pag. 56 tal-process
9 Dok f'pag. 57 tal-process
10 Dok "B5", f'pagg. 60 – 1 tal-process
11 Dok "B6", f'pagg. 71 – 2 tal-process
12 Dok "B7", f'pagg. 73 – 4 tal-process
13 Dok "B8", f'pag. 75 tal-process
14 Dok "B12", f'pag. 80 tal-process
15 Dokti "B13" sa "B23" f'pagg. 81 – 100 tal-process

"Illi f'Ottubru tal-2004, ir-rikorrent fetah din il-kawza. F'dik is-sena hu nghata gharfien bhala *dental technician* minn Assocjazzjoni fir-Renju Unit[16] u fis-snin ta' wara kien jinhariglu certifikat ta' shubija fl-imsemmija Assocjazzjoni[17]. Filwaqt li f'Lulju tal-2008[18], il-General Dental Council tar-Renju Unit dahhal isem ir-rikorrent fir-registru tad-*Dental Care Profession* bhala *dental technician* taht is-setghat tad-Dentists Act tal-1984;

"Illi biex tqis sewwa l-kaz li l-Qorti ghandha quddiemha, l-konsiderazzjonjiet ta' xejra legali li jtella' l-ilment tar-rikorrent jehtiegu li, qabel xejn, jitqiesu l-kwalitajiet tar-registrazzjoni li r-rikorrent jippretendi li jisthoqqlu. Dan irid isir ghaliex huwa jsejjes l-azzjoni tieghu fuq id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni li jitkellem dwar "possedimenti", u mbaghad jorbotha mal-kwestjoni tad-diskriminazzjoni mgarrba. Ladarba l-azzjoni tieghu hija mibnija b'dan il-mod, l-aspett tar-registrazzjoni bhala *dental technologist* u l-effetti "patrimonjali" li ggib maghha jitolbu li l-Qorti tistharreg dan kollu qabel tghaddi biex tistharreg, jekk ikun il-kaz, l-ilmenti ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fihom infushom;

"Illi **dwar jekk ir-rikorrent igawdix "possediment"** li jixraqlu l-harsien tat-tgawdija tieghu minghajr xkiel, l-gharef difensur tar-rikorrent issottomettiet li l-licenza li l-klijent taghha jippretendi li jinghata bir-registrazzjoni tieghu bhala *dental technologist* tikkostitwixxi "possediment" ghall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Hija tistrieh fuq it-tifsir ta' dik il-kelma moghti mill-Qorti ta' Strasburgu u fuq il-fatt li, diga' ghal bosta snin qabel ressaq it-talba tieghu, r-rikorrent kien qieghed jaqla' l-ghajxien tieghu mill-imsemmija hidma. Min-naha tal-intimati, l-gharef difensur taghhom argumentat li biex wiehed jista' jitkellem dwar "possediment" ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni jehtieg li l-persuna li tilminta minn ksur tal-imsemmi artikolu tkun diga' fil-pussess ta' dak il-possediment: b'mod partikolari, ziedet tghid, applikazzjoni

[16] Dok "D2", f'pag. 102 tal-process

[17] Dok "D1", f'pag. 101 tal-process

[18] Dok f'pag. 135 tal-process

wahedha ghall-hrug ta' licenza jew permess ma jnissilx stat ta' "possediment", minkejja li tkun qawwija l-aspettativa ta' tali talba, u sakemm talba bhal dik tintlaqa', hadd ma jista' jitkellem dwar tgawdija ta' possediment;

"Illi ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira moghtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija wahda wiesgha u zgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' semplici proprjeta'. Kemm hu hekk "*the word 'possessions' ... indicates that a wide range of proprietal interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions.* ***The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest***"[19]. Kemm hu hekk, inghad li "*Property or possessions for the purposes of attracting the protection of Art. 1 of Protocol No. 1 covers a wide range of interests. Possession has an autonomous meaning independent of formal classification in domestic law, although recognition of a proprietary interest by domestic courts is in practice highly relevant. It is not limited to ownership of physical goods: other rights and interests constituting assets can also be regarded as property rights. An interest in property, even if revocable in certain circumstances, can constitute a possession for the purposes of Art. 1 of Protocol No. 1*"[20];

"Illi fil-qasam ta' ezercizzju ta' professjoni, din it-tifsira wiesgha tista' titqies li tghodd ukoll, ghalkemm jidher li fil-Qrati taghna kien hemm fehma li, per ezempju, "*warrant*" biex wiehed jahdem bhala avukat ma tqiesx li huwa "possediment" ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni, u dan meta wiehed iqis it-tifsira ta' "beni" fil-ligi domestika Maltija taht il-Kodici Civili[21];

"Illi r-rikorrent jistieden lill-Qorti tqis li, fil-kaz tieghu, kien ilu bosta snin jahdem bhala *dental technician* ma' ghadd

---

[19] Harris, O'Boyle & Warbrick *Law of the European Convention on Human Rights*, (1995), pag. 517

[20] K. Reid *Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd. Edit, 2008), § IIB – 338, f'pag. 502

[21] P.A. (Kost) AJM **3.5.2002** fil-kawza fl-ismijiet ***Anthony Zarb et vs L-Avukat Generali et*** (mhix pubblikata)

ta' laboratorji u kien kiseb esperjenza kbira f'dan il-qasam ta' xoghol b'mod li kiseb l-gharfien kemm ta' sidien ta' laboratorji u wkoll, bit-tahrig li ha, minn assocjazzjoni barranija li ghadditu b'imsieheb tal-kategorija. L-gharef difensur tar-rikorrent xebbhet il-kaz tieghu ma' dak ta' professjonisti ohrajn li ressqu l-kaz taghhom quddiem il-Qorti ta' Strasbourg. Huwa minnu li dik il-Qorti sabet li t-trawwim ta' klijentela fl-ezercizzju ta' professjoni kien jikkostitwixxi l-ezistenza ta' "possediment" ghall-finijiet tal-artikolu tal-Konvenzjoni ghaliex kien jissarraf f'jedd privat u l-holqien ta' assi. B'mod partikolari, l-fatt li ma ntlaqghetx talba biex wiehed ikun registrat bhala "*certified accountant*" laqtet il-hidma professjonali tieghu, il-firxa ta' hidma li sata' jibqa' jwettaq u d-dhul tieghu minn dik il-hidma[22]. Il-kwestjoni fil-kaz tal-lum, izda, hija jekk jistax jinghad li l-hidma li kien jaghmel ir-rikorrent saz-zmien li ressaq it-talba tieghu mal-Bord biex jirregistrah bhala *dental technologist* kenitx tassew prattika professjonali kif tifhimha l-ligi u jekk il-kaz tieghu jistax, ghalhekk, jitqabbel mal-kaz li ghadu kemm issemma (fejn l-applikanti kienu lkoll professjonisti kwalifikati);

"Illi dan qieghed jinghad ghaliex, filwaqt li l-jedd li wiehed jaspira li jezercita professjoni jikkostitwixxi dritt civili ghall-finijiet tal-Konvenzjoni (artikolu 6), ma jikkostitwix possediment ghall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jekk kemm-il darba l-ilment ikun imsejjes fuq l-aspettativa ta' qligh jew dhul ghall-gejjieni[23];

"Illi, b'zieda ma' dan kollu li nghad, hawnhekk tqum il-kwestjoni tal-attwalita' tal-pussess. Il-Qrati taghna kellhom okkazjoni jqisu dan il-fatt ukoll u stabilew li "*biex licenzja titqies li hija possediment din trid tkun attwalment giet mahruga favur il-persuna li jkollha n-negozju in kwantu li huwa bil-hrug ta' din il-licenzja li dik il-persuna tirrealizza l-potenzjal li tgawdi l-proprjeta' taghha b'certu mod u mhux b'mod iehor. Hu rispaut ukoll, pero', li l-aspettativa wahedha li persuna tinghata l-licenzja ma tistax titqies bhala possediment fiha nnifisha u li*

[22] Q.E.D.B. **26.6.1986** fil-kawza fl-ismijiet ***Von Marle et vs Olanda*** (Applik. Nru. 8543/79) §§ 41 – 2

[23] Q.E.D.B. **8.1.2004** fil-kawza fl-ismijiet ***Voggenreiter vs Germanja*** (Applik. Nru. 47169/99) § 44

*'expectations do not have a degree of concreteness to bring them within the idea of 'possessions'"*[24];

"Illi ma hemm l-ebda dubju li t-"teknologija dentali" hija wahda minn fost ghadd ta' "Professjonijiet Komplimentari ghall-Medicina" maghrufa mil-ligi taghna[25]. Huwa fatt ukoll li l-ligi – kemm dik li hemm fis-sehh illum u kif ukoll dik li kienet issehh qabilha f'dan ir-rigward[26] – trid li hadd m'ghandu jezercita xi professjoni komplimentari ghall-medicina jekk kemm-il darba isem dik il-persuna ma jkunx imnizzel fir-registru rispettiv mizmum mill-Kunsill[27]. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li, sal-lum, isem ir-rikorrent ma huwiex imnizzel fir-registru tal-Kunsill bhala *dental technologist*, u kien sewwasew minhabba f'hekk li huwa ressaq it-talba tieghu mal-Bord. Kienet dik it-talba u c-cahda taghha mill-Kunsill intimat li wasslet ghall-kaz tal-lum. Dan ifisser ukoll li r-rikorrent m'huwiex professjonist maghruf mil-ligi, u l-hidma tieghu *de facto* f'dan il-qasam ma jnissilx stat ta' professjonist, izda, ghall-kuntrarju, setghet tesponih ghal procedimenti penali. Ir-rikorrent ghadu sal-lum jittama li jinghata gharfien ta' professjonist u li l-hidma tieghu tingharaf bhala tali;

"Illi wara li l-Qorti hasbet sewwa fuq dawn ic-cirkostanzi u kejlithom mal-konsiderazzjonijiet ta' dritt li ssemmew aktar 'il fuq, issib li r-rikorrent ma sehhlux juri li huwa tassew igawdi possediment ghall-fini tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u dan ghaliex kulma wera hu li ghandu aspirazzjoni li jikseb l-gharfien professjonali li jemmen li jisthoqqlu. Il-Qorti kienet x'aktarx tasal ghal konsiderazzjonijiet ohrajn li kieku kellu jirrizulta li r-rikorrent kien, f'xi zmien, inghata licenza jew gharfien b'registrazzjoni, u din jew ma ggeddidx jew ittehditlu[28];

"Illi ghalhekk, safejn l-ewwel talba tar-rikorrent trid li jinstab xi ksur tal-jedd tieghu taht l-artikolu 1 tal-Ewwel

---

[24] Kost. **1.10.2009** fil-kawza fl-ismijiet ***Victor Spiteri vs Avukat Generali et***

[25] Skeda III tal-Kap 464 (Att XII tal-2003)

[26] Art. 85 tal-Kap 31 (Ord. XVII tal-1901, kif mibdula)

[27] Art. 25(1) tal-Kap 464

[28] Ara, Q.E.D.B. **7.7.1989** fil-kawza fl-ismijiet ***Tre Trektorer Aktiebolag vs Svezja*** (Applik. Nru. 10873/84) §§ 53 – 4

Protokoll, il-Qorti ma ssibx li jirrizultaw l-elementi mehtiega biex it-talba tieghu tintlaqa';

"Illi **dwar l-ilment ta' trattament diskriminatorju**, r-rikorrent jibni l-kaz tieghu kemm fuq il-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq il-Konvenzjoni. Il-Qorti sejra tqishom f'dik l-ordni;

"Illi **ghal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrent dwar diskriminazzjoni bi ksur tal-artikolu 45**, l-Kostituzzjoni tghid li l-ebda ligi m'ghandha taghmel xi dispozizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti taghha[29]. Daqstant iehor tghid li hadd m'ghandu jigi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li tagixxi bis-sahha ta' xi ligi miktuba jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita' pubblika[30]. Ikun diskriminatorju kontra dak l-artikolu kull trattament differenti li jinghata lil persuni differenti u li jkun attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess li minhabba fihom persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn[31];

"Illi llum il-gurnata huwa stabilit sewwa li biex jitqies li jkun inghata trattament diskriminatorju kontra persuna jehtieg jirrizulta li (a) jkun inghata lil persuna trattament differenti minn dak moghti lil persuna jew ghadd ta' persuni ohrajn (b) li jkunu fl-istess qaghda jew wahda li tixxiebah maghha, (c) liema trattament differenti ma jkunx oggettivament jew ragonevolment misthoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita' bejn l-ghan mixtieq u l-mezz uzat[32];

---

[29] Art 45(1)

[30] Art. 45(2)

[31] Art. 45(3)

[32] Ara P.A. (Kost.) TM **26.2.2004** fil-kawza fl-ismijiet ***Albert Pace Cole vs Chairman Maltacom p.l.c. et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**25.4.2005**)

"Illi f'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed jallega li garrab diskriminazzjoni ghaliex, wara li kien ilu sa mill-1992 jahdem f'laboratorji bhala *dental technician*, il-ligi nbidlet b'mod li kienet titlob li huwa jkun registrat u b'mod li ntalab juri kwalifiki akkademici li, ghal bicca sewwa miz-zmien li kien ilu hekk jahdem, ma kienx jista' jikseb ghaliex l-Universita' f'Malta ma kenitx nediet il-korsijiet xierqa. Minbarra dan, huwa jzid jghid li matul l-istess zmien haddiehor thalla jkun registrat u kien trattat mod iehor minnu minkejja li wkoll ma kellux il-kwalifiki akkademici mitlubin minnu. Huwa minhabba f'hekk li jishaq li l-ligi (fl-artikolu 83 tal-Kap 31, sakemm dan l-artikolu kien ghadu fis-sehh, u fl-artikolu 28 tal-Kap 464, li dahal fis-sehh minfloku ftit qabel ma nfethet din il-kawza) iddiskriminat kontra tieghu fit-thaddim taghha;

"Illi f'dan ir-rigward, jidher li jkun xieraq li jinghad li biex jista' jinghad li sehh ksur ta' jedd fundamentali dwar il-harsien mid-diskriminazzjoni taht il-Kostituzzjoni, jrid jintwera li l-ligi partikolari jew it-thaddim taghha jew l-ghamil ilmentat ikun jaqa' taht xi wahda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li ghalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Kif sewwa issottomettiet l-gharef difensur tal-Kunsill intimat u tal-intimat Avukat Generali, ir-raguni ta' diskriminazzjoni f'allegazzjoni ta' ksur ta' dak il-jedd fundamentali trid tassattivament taqa' taht wahda mir-ragunijiet imsemmija f'dak is-subartikolu[33]. Fil-kaz li ghandna quddiemna, l-ebda wahda mill-kawzali msemmija fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni ma ssejjes l-ilment imressaq mir-rikorrent;

"Illi dan ifisser li ladarba ma ntweriex li sar xi 'trattament diskriminatorju' taht l-artikolu applikabbli tal-Kostituzzjoni, lanqas jista' jinghad li t-thaddim tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 31 (sakemm dan thassar) jew tal-artikolu 28 tal-Kapitolu 464 – safejn jitolbu z-zamma mill-Kunsill intimat ta' registri separati dwar xi wahda mill-professjonijiet kumplimentari ghall-Medicina jew safejn jitolbu li persuna trid taghmel talba (applikazzjoni) biex isimha jiddahhal f'xi registru bhal dak, jew safejn, biex tali talba tintlaqa', trid turi li ghandha

---

[33] P.A. (Kost) VDG **15.2.2002** fil-kawza fl-ismijiet ***Michael A Henley vs Il-Prim Ministru et***

l-kwalifiki preskritti – huwa b'xi mod leziv tal-jedd ghall-harsien minn diskriminazzjoni taht l-istess Kostituzzjoni;

"Illi ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tasal ghall-fehma li r-rikorrent ma weriex li garrab l-ebda ksur ta' xi jedd tieghu li ma ssirx diskriminazzjoni kontrih kif imhares taht il-Kostituzzjoni, u dan ghall-finijiet tal-ewwel u tat-tieni talbiet tieghu;
"Illi meta l-Qorti **tistharreg l-ilment taht l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni** trid taghmel dan billi zzomm quddiem ghajnejha (i) li dak l-ilment jehtieg li jkun marbut ma' xi jedd iehor imhares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawzali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi[34] u jistghu jkunu usa' mill-kawzali mahsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wiehed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti moghti bejn kategorija ta' persuni u ohra trid tkun wahda legittima u ragonevoli, u ghalhekk mhux kull trattament differenti jwassal ghal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[35]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taht dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" iehor imhares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bhal dak[36];

"Illi dan qieghed jinghad ghaliex ir-rikorrent espressament jibni l-ilment tieghu (ara l-hdax-il premessa tar-rikors promotur u l-ewwel talba fl-istess rikors tieghu) fuq l-artikolu 14 marbut mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Issa ghalkemm il-Qorti waslet ghall-fehma li r-rikorrent ma sehhlux juri li garrab ksur tal-jedd tieghu taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, dan ma jfissirx li l-Qorti ma jmisshiex tghaddi biex tistharreg l-ilment tieghu ta' agir diskriminatorju taht l-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni;

[34] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak _Theory and Practice of the European Convention on Huma Rights_ (4th Edit, 2006), f'pag. 1050

[35] Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belgju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.) § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawza fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.) § 177

[36] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit,* pagg. 465 – 6

"Illi kemm hu hekk huwa mghallem li "*Article 14 is not independent in the sense that there has to be at least some kind of relation with any of the rights and freedoms of the Convention; differential treatment in a field which falls outside the scope of the Convention cannot amount to a violation of Article 14. At the same time the case law referred to bears out that Article 14 is autonomous in the sense that its application does not require the simultaneous violation of one of the Convention's rights or freedoms*"[37]. Din ir-regola wkoll intuzat f'kazijiet li kienu jirrigwardaw allegata mgiba diskriminatorja kontra persuni li talbu li jinghataw gharfien ta' hidma professjonali jew pubblika[38];

"Illi illum il-gurnata jidher li huwa stabilit li filwaqt li mhux kull trattament differenti jew kull differenza tnissel kaz ta' diskriminazzjoni, "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to*

---

[37] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op.cit.*, f'pag. 1029

[38] Ara, per ezempju, Q.E.D.B. **6.4.2000** fil-kawza fl-ismijiet ***Thlimmenos vs Grecja*** (Applik. Nru. 34369/97) § 42, u Q.E.D.B. **27.7.2004** fil-kawza fl-ismijiet ***Sidabras & Dziautas vs Litwanja*** (Applik. Nru. 55480/00 et.) § 50

*observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[39];

"Illi f'dan ir-rigward, jista' jinghad li l-imsemmi artikolu 14 "*safeguards persons who are in analogous or relevantly similar positions against discriminatory differences in treatment that have as their basis or reason a personal characteristic ("status") by which persons or a group of persons are distinguishable from each other*"[40]. B'hekk jitqies li dak l-artikolu "*aims to strike down the offensive singling out of an individual or members of a particular group on their personal attributes*"[41];

"Illi mbaghad, jizdied jinghad li "*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti thallew igawdu l-jeddijiet imharsa taht il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni taghhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-hsieb li jintlahaq ghan legittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-ghan li ried jintlahaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx mehtieg li jkun hemm dik id-differenza biex jintlahaq dak il-ghan. Huwa importanti, ghalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*"[42]. Il-prova tal-ghamil diskriminatorju trid issir minn min jallega li mieghu tkun saret diskriminazzjoni;

"Illi fil-kaz li ghandna quddiemna, r-rikorrent jilmenta li garrab trattament diskriminatorju min-naha tal-Kunsill intimat billi dan (i) talbu jurih kwalifiki li ma specifikalux x'riedu jkunu, (ii) li l-kwalifiki akkademici li ntalbu ma setax jiksibhom ghaliex l-Universita' ta' Malta ma kenitx fethet il-korsijiet ghal zmien twil, (iii) li l-esperjenza tieghu f'xoghol f'dan il-qasam, minkejja li maghrufa minn istituzzjonijiet barra minn Malta, ma kinitx stmata mill-Kunsill intimat, u

[39] QEDB **12.2.2008** fil-kawza fl-ismijiet ***Kafkaris vs Cipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161

[40] Q.E.D.B. **6.4.2000** fil-kawza fl-ismijiet ***Thlimmenos vs Grecja*** (Applik. Nru. 34369/97) § 40 – 9

[41] K. Reid *op. cit.* § IIB – 079, f'pag. 274

[42] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Socjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**)

(iv) li persuni ohrajn, minkejja li ma kellhomx il-kwalifiki li ntalbu minnu mill-Kunsill intimat, xorta wahda gew registrati bhala *dental technologists* mill-istess Kunsill;

“Illi bhala fatti li jirrizultaw mill-atti tal-kawza, b’zieda ma’ dawk li ssemmew aktar qabel, hareg li l-kriterji ta’ kwalifiki tnedew mill-Bord u l-Kunsill intimat mexa fuqhom wara li tenniethom il-ligi l-gdida. Hareg ukoll li l-Assocjazzjoni barranija li gharfet lir-rikorrent bhala membru taghha – d-*Dental Technicians Association* tar-Renju Unit – ma tikkwalifikax ghall-gharfien reciproku ta’ kwalifiki[43] mill-awtoritajiet kompetenti f’Malta[44]. Fuq medda ta’ l-ahhar ghaxar snin, l-Universita’ ta’ Malta offriet il-kors ghal *dental technologists* darbtejn, fl-2001 u fl-2005[45]. Il-Kunsill intimat m’ghandu l-ebda setgha li jordna li jsir jew li jinbeda kors universitarju f’Malta ghal xi wahda mill-professjonijiet li ghandu s-setgha li jirregola taht il-Kap 464. Dik is-setgha hija moghtija mil-ligi lis-Senat tal-Universita’. Fl-2008, ir-rikorrent ghazel li jitlob li jkun registrat bhala *dental technician* taht il-*General Dental Council* tar-Renju Unit[46];

“Illi, minn din il-gabra ta’ fatti, johrog li r-registrazzjoni ta’ shubija fid-DTA ma kinitx torbot awtomatikament lill-Kunsill intimat li jaghraf lir-rikorrent bhala professjonist, minkejja li dak l-gharfien kien jaghtih il-jedd li jahdem bhala *dental technician* fir-Renju Unit. Minkejja dan, fiz-zmien li l-kawza kienet miexja, r-rikorrent xorta wahda deherlu li kellu jitlob li jaqleb dik ir-registrazzjoni ma’ registrazzjoni taht il-GDC, u ghalhekk ma setax jibqa’ jishaq li l-Kunsill intimat jaghraf l-ewwel registrazzjoni. Johrog ukoll li, sa minn meta r-rikorrrent ressaq l-ewwel talba tieghu mal-Bord ghar-registrazzjoni, l-Universita’ ta’ Malta offriet zewg korsijiet ghal *dental technologist* u r-rikorrent ghazel li ma jinkiteb fl-ebda wiehed minnhom. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iz-zewg cirkostanzi ghandhom il-piz taghhom biex wiehed jevalwa sewwa c-cirkostanzi tat-

[43] Ara Skeda tal-Kap 451 (Att XVIII tal-2002) u Reg. 4 tal-A.L. 71/08 (L.S. 451.04)

[44] Xhieda ta’ Gillian Mifsud 14.3.2006, f’pagg. 115 – 6 tal-process

[45] Xhieda ta’ Antoinette Micallef 14.11.2006, f’pag. 121 tal-process

[46] Dok f’pag. 135 tal-process

trattament diskriminatorju li r-rikorrent jallega li garrab bi htija tal-intimati jew ta' min minnhom;

"Illi fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent jallega li l-Bord (awtur tal-Kunsill intimat) kien mexa mieghu b'mod differenti minn kif mexa ma' ohrajn, kemm Maltin u kif ukoll barranin. Huwa jghid li lilu ma laqaghlux it-talba ghar-registrazzjoni filwaqt li lil dawk laqghlhom it-talba taghhom u rregistrahom bhala *dental technologists*. Mill-provi mressqa[47], johrog li bilkemm jista' jinghad li l-persuni msemmija – ghajr ghal wiehed – kienu tassew f'qaghda analoga bhar-rikorrent. Dawn kollha jidher li kellhom kwalifiki akkademici kif mitlub mil-ligi, filwaqt li dik il-persuna li ma kellhiex kwalifiki (u li, b'kumbinazzjoni hija l-persuna li r-rikorrent ghamel zmien konsiderevoli jahdem ghaliha fil-laboratorju taghha) ghazlet li toqghod ghal ezami mniedi mill-Bord[48]. Minbarra dan, il-persuni barranin li talbu r-registrazzjoni hawn Malta, minkejja li kellhom il-kwalifiki akkademici, xorta ntalbu li joqoghdu (u qaghdu) ghal ezami mniedi mill-Bord qabel ma nghataw ir-registrazzjoni. Ghalhekk, il-Qorti ma ntwerietx li r-rikorrent tassew inghata trattament differenti mill-persuni li huwa nnifsu indika bhala beneficjarji ta' trattament ahjar minnu, jew li dawk il-persuni kienu tassew fl-istess bahar tieghu;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-istennija li t-talba ghal registrazzjoni ta' persuna f'registru bhala professjonist kumplimentari ghall-Medicina tkun sostnuta bil-wiri ta' kwalifiki preskritti tirrifletti ghan legittimu tal-istat li jara li l-prattika medika u l-professjonijiet marbutin maghha jitwettqu b'harsien shih ta' livelli kompetenti u ta' hila fl-interess tas-sahha pubblika. Dan jinghad ukoll b'zieda mal-fatt li l-wiri tal-kwalifiki minn applikant ghar-registrazzjoni bhala professjonist kumplimentari ghall-Medicina huwa mitlub espressament mil-ligi (li wkoll hija l-kejl ta' "ghan legittimu"). Minbarra dan, huwa accettat ukoll li l-Istat ghandu interess legittimu li jirregola l-kundizzjonijiet tax-xoghol kemm fis-settur pubbliku u wkoll f'dak privat, u li l-Konvenzjoni ma tiggarantix bhala tali l-

---

[47] Dok "GM1", f'pagg. 106 – 7 tal-process

[48] Xhieda ta' Gillian Mifsud 14.3.2006, f'pag. 110 tal-process

jedd ta’ xi persuna ghal xi hidma fi professjoni partikolari. Ir-rikorrent ma jikkontestax dan il-fatt, izda jghid li fil-kaz tieghu, il-Kunsill intimat baqa’ jirrifjuta ripetutament li jghidlu liema kienu l-kwalifiki mistennija u meta u kif iddahhlu fis-sehh. Din ic-cirkostanza, fil-fehma tal-Qorti, ma tissarrafx hekk wahedha f’ghamil jew trattament diskriminatorju, ghalkemm tista’ twassal ghal konsiderazzjonijiet ohrajn li m’humiex kompitu ta’ din il-Qorti kif adita;

“Illi lanqas ma jidher li t-talbiet maghmulin mill-Kunsill lir-rikorrent kienu sproporzjonati mal-ghanijiet legittimi fuq imsemmija. Fl-ewwel lok, il-Kunsill (u l-Bord ta’ qablu) bhala hlejqa ta’ ligi specjali, mhux biss hu mistenni li jagixxi fil-parametri tal-istess ligi izda huwa wkoll marbut li jharisha f’dak kollu li jaghmel jew jordna. Fit-tieni lok, il-Qorti temmen li dak li r-rikorrent intalab juri jew jissottometti ghalih biex ikun jista’ jikseb ir-registrazzjoni bhala *dental technologist* ma jidhirx li huwa lil hinn mill-kapacita’ u l-mezzi tal-istess rikorrent li jilhaq. Lanqas ma jista’ jinghad li, b’dak il-mod, kull hila jew kwalifika ohra li r-rikorrent kiseb tul il-medda tas-snin fil-qasam partikolari sejra titwarrab bhallikieku ma tiswa xejn, ghaliex ir-rekwizit tal-kwalifika akkademika msemmi fil-ligi jitqies flimkien ma’ hiliet u kwalifiki ohrajn li l-applikant jista’ juri li jhaddan[49]. Fit-tielet lok, il-fatt li persuna tintalab tissottometti ghal mezzi ta’ verifika bhala process regolatorju ta’ professjoni partikolari – kemm jekk fis-sura ta’ ezami, zmien ta’ xoghol b’esperjenza, jew b’kull kejl iehor ragonevoli li jghin biex jevalwa s-sejha jew vokazzjoni tal-applikant – ma tistax tissejjah bhala mizura sproporzjonata ghar-raguni biss li dik il-mizura ta’ verifika ma kinitx mitluba sa minn dejjem. Donnu li r-rikorrent jistenna li c-certifikati li huwa ghandu f’idejh u l-esperjenza ta’ zmien twil fix-xoghol ghandhom ikunu bizzejjed biex jehilsuh milli joqghod ghal skrutinju ulterjuri miltub mill-Kunsill intimat, jaghtuh dritt awtomatiku ghar-registrazzjoni professjonali u li, ghalhekk, kull talba f’dan is-sens titqies bhala mizura sproporzjonata. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ atteggament bhal dan, l-izjed meta jirrizulta li l-kriterju tal-

[49] Ara art. 28(3) tal-Kap 464

kwalifika ilu jintalab sa mill-1986, jigifieri sa minn tal-anqas sitt snin qabel ma r-rikorrent beda jahdem bhala *dental technician* dipendenti;

“Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti ssib li ma ntweriwet l-ebda cirkostanza tajba biex twassal ghall-fehma li sehh xi ksur tal-jedd imhares fl-artikolu 14 innifsu tal-Konvenzjoni taht l-aspetti kollha tieghu. Ghalhekk, lanqas taht il-profil tal-Konvenzjoni ma sehhlu r-rikorrent juri li huwa tassew garrab trattament diskriminatorju bi ksur tal-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni;

“Illi ladarba l-Qorti waslet ghall-fehma li r-rikorrent ma sehhlux juri li l-ilmenti tieghu huma misthoqqa, ma huwiex il-kaz li l-Qorti tistharreg **it-tieni eccezzjoni tal-ministru intimat**, ghaliex dan ikun biss ezercizzju akkademiku li ma jibdel xejn mill-konkluzjonijiet u l-effetti tas-sentenza;

“Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi billi:

**“Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent** billi ssib li ma weriex li huwa garrab xi ksur tad-dritt kontra d-diskriminazzjoni kemm taht l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taht l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, jew li l-Kunsill intimat gab ruhu b’mod diskriminatorju fil-konfront tal-istess rikorrent meta naqas li jirregistra lill-istess rikorrent bhala *dental technologist* fir-registru relattiv tal-Professjoni Komplimentari ghall-Medicina skond l-Att XII tal-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Sahha;

**“Tastjeni milli tqis ir-raba’ talba** tar-rikorrent billi din tiddependi mit-talbiet ta’ qabilha;

**“Tastjeni milli tqis it-tieni eccezzjoni tal-Ministru intimat**;

**“Tilqa’ l-eccezzjonijiet fil-mertu** tal-intimati; u

**“Tordna** li r-rikorrent ihallas l-**ispejjez tal-kawza**, b’dan li l-intimati jridu jhallsu **l-ispejjez marbuta mas-sentenza preliminari** tat-23 ta’ Gunju, 2005.”

## L-appell tar-rikorrent

**4.** Ir-rikorrent appellant hass ruhu aggravat bis-sentenza surriferita u ghalhekk interpona appell minnha b'rikors datat 3 ta' Gunju 2011.

**5.** Fil-qosor, l-aggravji tar-rikorrent appellanti huma s-segwenti:

- Is-sentenza tal-Ewwel Qorti hija rizultat ta' apprezzament zbaljat tal-provi prodotti.

- Is-sentenza appellata naqset li tikkunsidra l-aspetti kollha li tahthom l-appellant talab li sehh il-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

- Is-sentenza appellata applikat il-ligi hazin u dan b'mod partikolari meta giet biex tikkunsidra jekk l-appellant kellux 'possedimenti' fil-parametri tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.[50]

- Is-sentenza appellata applikat hazin il-ligi meta giet biex tikkunsira l-element tad-diskriminazzjoni u dan billi naqset li tqis l-Artikolu 28(1)(c) tal-Kap.464 fid-dawl tal-missiv kontra t-trattament diskriminatorju.

**6.** L-appellant ghalhekk talab li din i-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tad-**19 ta' Mejju 2011** u minflok tilqa' t-talbiet tieghu fl-interezza taghhom u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimati u tichad it-tieni eccezzjoni tal-Ministru appellat, bl-ispejjez kontra l-intimati appellati.

## Ir-risposti tal-intimati

**7.** L-intimati appellati pprezentaw ir-risposti taghhom fejn l-aggravji relattivi tal-appellant gew kollha kontestati u ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din i-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

---

[50] Minn issa l-quddiem ir-referenza ghal dan l-artikolu ser tkun bhala AIPI.

**Fatti**

**8.** Illi din i-kawza tirrigwarda cahda ta' gharfien ta' kwalifiki tar-rikorrent sabiex jinghata licenzja biex jahdem Malta bhala *dental technician.*

**9.** Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma korrettement u dettaljatament riportati fis-sentenza appellata li giet riprodotta aktar qabel f'din is-sentenza, u din il-Qorti mhix ser terga' tirrepetihom u taghmel referenza shiha ghalihom.

**10.** F'din il-kawza l-appellant bena l-azzjoni tieghu fuq id-disposizzjonijiet tal-A1P1 abbinati ma' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar diskriminazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**L-ewwel zewg aggravji**

**11.** Rigward **l-ewwel zewg aggravji** tal-appellant li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha, din il-Qorti ppronunzjat ruhha diversi drabi fis-sens li huwa principju ben stabbilit li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, generalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura minnha stess jekk din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet, legalment u ragjonevolment, tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti pero` tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk ikun jidhrilha, wara ezami akkurat tal-provi li tkun ghamlet, li dak l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti kien manifestament zbaljat b'mod li jekk jithalla tkun sejra ssir ingustizzja ma' xi parti jew ohra.

**12.** F'dan l-appell din il-Qorti sejra tezamina l-ewwel zewg aggravji tal-appellant meta tikkunsidra t-tielet u r-raba' aggravju billi kien fil-kuntest tad-disposizzjonijiet tal-A1P1 abbinati ma' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar id-

diskriminazzjoni li l-ewwel Qorti suppost ghamlet l-apprezzament hazin li issa qed jigi attakkat.

**L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll**

**13. Fit-tielet aggravju** l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin b'mod partikolari meta kkunsidrat jekk l-appellant kellux 'possedimenti' fil-parametri tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**14.** L-Ewwel Qorti qablet ma' l-appellant li bhala principju t-trawwim ta' klijentela fl-ezercizzju ta' professjoni kien jikkostitwixxi l-ezistenza ta' "possediment" ghall-finijiet tal-A1P1 ghaliex kien jissarraf f'jedd privat u l-holqien ta' assi. Izda l-ewwel Qorti imbaghad waslet ghall-konkluzjoni li fil-kaz in ezami r-rikorrent ma sehhlux juri li huwa tassew igawdi possediment ghall-fini tal-A1P1 u dan ghaliex kulma wera li ghandu kienet aspirazzjoni li jikseb l-gharfien professjonali li jemmen li jisthoqqlu. Il-Qorti qalet ukoll li kienet x'aktarx tasal ghal konsiderazzjonijiet ohrajn li kieku kellu jirrizulta li r-rikorrent kien, f'xi zmien, inghata licenza jew gharfien b'registrazzjoni, u din jew ma ggeddidx jew ittehditlu (Hekk kien gara fil-kaz **Victor Spiteri v. Avukat General et,** Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Ottubru 2009).

**15.** L-appellant jilmenta li bir-rifjut tal-awtoritajiet appellati li jirregistrawh, kuntrarjament ghal dak li ghamlu ma' professjonisti ohra fl-istess sitwazzjoni tieghu, huwa ngab f'sitwazzjoni fejn il-kwalifiki u l-esperjenza tieghu ma gewx kunsidrati u xogholu gie mnaqqas fil-valur tieghu. Hu jishaq li fil-kaz tieghu l-professjoni li kien jipprattika kienet possediment tieghu. Jghid ukoll li s-sitwazzjoni tieghu hija analoga ghal kaz ta' **Von Marle and others v. The Netherlands**[51] li kien ukoll kaz ta' registrazzjoni ta' kwalifika li giet ghall-ewwel darba regolata b'ligi. Ikompli li f'dan il-kaz l-kundizzjoni msemmija fl-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 85 tal-Kap. 31 ma setghet qatt tintlahaq billi ma kienx hemm korsijiet ta' *dental technician* fl-Universita meta applika. Il-Bord ghalhekk kellu japplika

[51] Applications 8543/79; 8674/79;8675/79 u 8685/79

t-tieni parti tal-paragrafu (d) u jaccetta r-registrazzjoni tieghu a bazi ta' dak li *jsejjah htigijiet* ohra kif fil-fatt sar ma applikanti ohra.

**16.** Il-kwistjoni kollha, kif indikat l-ewwel Qorti, hija jekk jistax jinghad li l-hidma li kien jaghmel ir-rikorrent saz-zmien li ressaq it-talba tieghu mal-Bord biex jirregistrah bhala *dental technologist* kienitx tassew prattika professjonali kif tifhimha l-ligi u jekk il-kaz tieghu setax, ghalhekk, jitqabbel mal-kaz **Von Marle** fejn l-applikanti kienu professjonisti kwalifikati.

**17.** L-ewwel kwistjoni hija jekk bejn l-1992, meta l-appellant beda jahdem xoghol li ghandu x'jaqsam ma' *dental technology* u 1999 meta applika biex jigi registrat, huwa kellux verament prattika professjonali ta' *dental technican.*

**18.** Illi f'Malta l-professjoni ta' *dental technician* fl-1984 kienet regolata taht il-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-disposizzjonijiet taht dan il-Kapitolu kienu jirregolaw il-professjonijiet kumplimentari ghall-medicina. Dak iz-zmien l-appellant ma kienx ghadu jipprattika d-*dental technology* u lanqas ma kien registrat kif kienet tirrikjedi l-ligi. Hu xehed li beda jipprattika hekk fl-1992 u l-applikazzjoni biex jigi registrat bhala *dental technician* ghamilha fl-1999.

**19.** Din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm ir-rikorrent mill-1992 'il quddiem kien jipprattika bhala *dental technician* ma' persuna ohra dan kollu sar barra l-parametri tal-ligi billi ma kienx registrat skont il-ligi li kienet tirregola dik il-professjoni dak iz-zmien.

**20.** Il-kriterji tal-ligi tal-1986, fosthom dik dwar l-esperjenza, ma setghux japplikaw fil-kaz tal-appellant billi dak iz-zmien hu ma kienx ghadu beda jippratika billi beda jipprattika biss mill-1992 'il quddiem u dan meta l-kriterji kienu tbiddlu. Izda anke skont il-kriterji tal-ligi in vigore fl-1999 huwa l-istess ma kienx jikkwalifika.

**21.** L-appellant jippretendi li fl-1999 kellu dritt li jigi registrat bhala *dental technician* u li dan 'l-possediment' tieghu ttiehidlu bil-ligi l-gdida taht il-Kap. 464. Fil-fehma

tal-Qorti l-fatt li l-appellant kien qed jippretendi li kellu dritt li jigi registrat ma jfissirx li fil-fatt huwa kellu dak id-dritt. Din kienet biss aspettattiva da parti tieghu li mhux necessarjament tissarraf fi dritt attwali li jigi registrat. L-attivita` li kien qed jisvolgi ma kienitx qed issir fil-parametri tal-ligi u ghalhekk ma setghetx titqies bhala ‘possediment’ li huwa gie mcahhad minnu. Ir-registrazzjoni kienet tigi accettata biss basta li huwa kien qed jottempera ruhu mal-ligi, li pero` ma kienx qed jaghmel.

**22.** L-ewwel Qorti qieset ukoll li billi r-rikorrent ma kellux vera prattika professjonali[52] qabel dahlu r-regolamenti l-godda l-kaz tieghu ma setax jitqabbel mal-kaz ta’ **Van Marle** fuq citat fejn l-applikanti kienu kollha professjonisti kwalifikati.

**23.** Fil-kaz ta’ **Van Marle** u shabu dawn diga` kienu jahdmu ta’ *accountants* minghajr il-bzonn ta’ registrazzjoni. Il-kwistjoni kienet dwar *“an incorrect assessment of their competence”* biex jiehdu t-titolu gdid ta’ *accountant* u mhux kwistjoni kienx hemm *“procedural or other irregularity”* bhal fil-kaz tal-appellant fejn qed jigi kkontestat lilu li mhux kwalifikat anzi li qed jahdem kontra l-ligi. Fil-kaz ta’ Van Marle, il-fatt li huma ma gewx rikonoxxuti ma kienx jimpedihom milli fl-istess waqt ikomplu jezercitaw il-professjoni li kienu ilhom jezercitaw.

**24.** Ghalhekk din il-Qorti bhall-ewwel Qorti tikkonkludi li ma hemm ebda ksur ta’ dritt fundamentali tal-appellant taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, ghalhekk it-tielet aggravju tal-appellant qed jigi michud.

## Diskriminazzjoni

**25.** Nonostante li l-ewwel Qorti ma sabet ebda ksur tal-AIPI li mieghu l-appellant rabat l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, imma billi persuna tista’ ssejjes talba taht l-

---

[52] " *There is no possession where there is no established professional practice”.* ***Bauquel v. France*** *No 71120/01 (quoted in Harris,* ***O’Boyle & Warbrick****. Law of the European Convention on Human Rights. p 658 footnote 23*

Artikolu 14 nonostante li ma turix li kien hemm ksur ta' xi jedd sostantiv imhares mill-Konvenzjoni (purche` t-talba taqa' bl-ambitu ta' dak il-jedd)[53] l-ewwel Qorti ghaddiet biex tikkunsidra wkoll l-element ta' diskriminazzjoni taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**26.** **Fir-raba' aggravju** tieghu l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-aspetti kollha li tahthom sehh il-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu, fosthom **l-Artikolu 28 tal-Kap 464.** Dan l-artikolu tal-ligi jonqos li jikkunsidra l-posizzjoni ta' persuna bhall-appellant li hadet it-tahrig qabel ma dahal fis-sehh dan l-artikolu u li minkejja li ma kienx hemm mezz li jinkisbu l-kwalifiki akkademici xorta wahda kienu kompetenti fl-ezercizzju tal-professjoni ta' *dental technicians.*

**27.** L-appellant jikkontendi li meta l-ewwel Qorti giet biex tikkunsidra l-element tad-diskriminazzjoni naqset li tqis l-Artikolu 28(1)(c) tal-Kap. 464, skont liema artikolu r-registrazzjoni m'ghandhiex tinghata biss lil persuni kkwalifikati minn Malta jew li jippossjedu kwalifiki barranin li huma rikonoxxuti Malta, izda tinkludi wkoll ir-registrazzjoni ta' persuni li jkollhom "*kwalifika f'dik il-professjoni miksuba minn xi universita ohra, kullegg jew skola rikonoxxuti mill-imsemmi Kunsill"* u li "*ghall-finijiet ta' dik il-kwalifika l-imsemmi Kunsill jista' jehtieg li l-persuna involuta taghmel u tghaddi minn ezami ta' proficjenza professjonali u lingwistika".* L-appellant jissottometi li hu gie trattat differenti minn applikanti ohrajn li nghataw il-fakolta` li joqoghdu ghal ezami konferma b'esperjenza taghhom.

**28.** L-ewwel Qorti ddecidiet li ma kienx hemm ksur ta**l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** billi f'dan il-kaz l-ilment tar-rikorrent mhux imssejjes fuq l-ebda wahda mill-ragunijiet imsemmija tassattivament fl-Artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk ladarba ma ntweriex li sar xi trattament diskriminatorju taht il-Kap. 45 tal-Kostituzzjoni lanqas jista' jinghad li t-thaddim tal-Artikolu 85 tal-Kap. 31 (sakemm dan thassar) jew tal-Artikolu 28 tal-Kap. 464

[53] Ara wkoll il-kaz Genovese vs Malta deciz fi Strabourg 11.10.2011

huwa b'xi mod leziv tal-jedd ghall-harsien minn diskriminazzjoni taht l-istess Kostituzzjoni.

**29.** Illi dwar il-konsiderazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti fir-rigward ta' dan l-artikolu jidher li ma saritx kontestazzjoni mill-appellant. Illi l-lista' tar-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni huma ezawrjenti u ma jirrizultax li r-raguni tal-ilment ta' appellant taqa' taht xi wahda mill-kategoriji msemmija fl-istess artikolu. Ghalhekk ma hemm ebda lezjoni taht dan l-artikolu tal-ligi.

**30.** L-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll l-element ta' diskriminazzjoni fit-thaddim tal-artikoli appena msemmija taht **l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja**. Hi kkonkludiet li ma ntwerietx li r-rikorrent tassew inghata trattament differenti mill-persuni li huwa nnifsu indika bhala beneficjarji ta' trattament ahjar minnu, jew li dawk il-persuni kienu tassew fl-istess bahar .

**31.** Kif gja` gie accenntat, fl-1986 diga` kien hemm ligi regolatorja li kienet tobbliga li wiehed irid jigi registrat biex ikun jista' jezercita l-professjoni ta' *dental technician*, u f'dak iz-zmien l-appellant ma kienx ghadu qed jipprattika u lanqas kien registrat. F'dak il-perjodu u cioe` fl-1983, 1988 u 1989 saru korsijiet li wasslu ghal Diploma izda l-appellant ma kienx dahal ghal ebda wiehed minn dawk il-korsijiet. Skont l-affidavit tieghu, l-appellant jghid li beda jahdem xoghol li ghandu x'jaqsam ma' *dental technology* mill-1992 'il quddiem ma' John Gusman u ma' Victor Galea. Imbaghad fl-1999 huwa applika biex jigi registrat bhala *dental technician* izda t-talba tieghu giet michuda ghax ma kellux kwalifiki. Ic-certifikati li huwa pprezenta gew meqjusa bhala mhux sufficjenti. Fl-2001 u fl-2005 saru korsijiet ghal *dental technician* fl-Universita ta' Malta u wkoll l-appellant ma dahalx ghal ebda wiehed minn dawn il-korsijiet ghax ippretenda li l-esperjenza li kellu kienet bizzejjed u fl-opinjoni tieghu kienet tikkwalifikah.

**32.** Illi l-appellant ghalhekk jghid li hu gie diskriminat billi meta huwa applika fl-1999 biex jigi registrat bhala *dental technician* (i) ma kienx hemm korsijiet l-Universita ghal *dental technician*; (ii) huwa kellu l-esperjenza prattika li

ma ttiehditx in konsiderazzjoni meta giet rifjutata l-applikazzjoni tieghu; (iii) kien hemm persuni ohra, Maltin u barranin, b'esperjenza bhalu li applikaw u gew registrati mentri l-applikazzjoni tieghu ma gietx accettata; (iv) hu kellu certifikati minn barra u anke gie registrat barra minn Malta bhala *dental technician* izda l-istess ma giex registrat.

**33.** Minn ezami tal-process jirrizulta li l-ewwel Qorti ezaminat l-allegazzjoni ta' appellant dwar diskriminazzjoni mil-lat jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti thallew igawdu l-jeddijiet imharsa taht il-Konvenzjoni, (2) id-differenza fit-trattament kienitx bejn persuni li s-sitwazzjoni taghhom kienet tixxiebah, (3) jekk id-differenza kienitx bil-hsieb li jintlahaq ghan legittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita` f'dan it-trattament u dan kollu fl-isfond tal-artikoli tal-Ligi kontestasti.

**34.** L-ewwel Qorti jidher li gharblet sew il-punti kollha li tressqu ghall-konsiderazzjoni taghha u d-diversi osservazzjonijiet li hija ghamlet in propozitu huma kondivizi minn din il-Qorti u din il-Qorti m'hijiex ser toqghod tirrepetihom. Apparti dak li ntqal, il-Qorti ser taghfas biss fuq il-punti li gejjin.

**35.** L-appellant jilmenta li garrab trattament diskriminatorju min-naha tal-Kunsill intimat billi persuni ohrajn, minkejja li ma kellhomx il-kwalifiki, xorta wahda gew registrati bhala *dental technologists* mill-istess Kunsill.

**36.** L-ewwel Qorti sabet li mill-provi mressqa (ara Dok GM1 a fol. 106-7) ma setax jinghad li l-persuni msemmija (ghajr ghal wiehed) kienu tassew f'qaghdha analoga bhar-rikorrent. Dawn kollha jidher li kellhom kwalifiki akkademici kif mitlub mil-ligi, filwaqt li dik il-persuna li ma kellhiex kwalifiki (u li, b'kumbinazzjoni kienet il-persuna li r-rikorrent ghamel zmien konsiderevoli jahdem ghaliha fil-laboratorju taghha) ghazlet li toqghod ghal ezami mniedi mill-Bord. Minbarra dan, il-persuni barranin li talbu r-registrazzjoni hawn Malta, minkejja li kellhom il-kwalifiki akkademici, xorta ntalbu li joqoghdu (u qaghdu) ghal

ezami mniedi mill-Bord qabel ma nghataw ir-registrazzjoni.

**37.** Il-Ligi li kienet in vigore fl-1986 kienet tezigi li persuni li jahdmu bhala *dental technologists* kellhom jigu registrati. Dak iz-zmien persuni li diga` kellhom certu esperjenza f'dak il-qasam u setghu jippruvaw li kellhom dik l-esperjenza, kienu jkunu elegibbili biex jigu registrati. Izda l-esperjenza waheda ma kienitx il-kriterju tar-registrazzjoni, tant li fil-kaz ta' John Gusmam, ghalkemm dan kellu xi esperjenza fi klinici dentali u kien marbut ma' klinika dentali partikolari, kien issottometta applikazzjoni billi ma kellux certifikat formali ta' kwalifika. Il-Bord kien issottomettieh ukoll ghal *test*, kemm bil-miktub kif ukoll orali (ara xhieda Gillian Mifsud). Imbaghad fil-kaz tal-persuni l-ohra msemmija fid-Dok GM1 dawn urew ghas-sodisfazzjon tal-Bord li kellhom kwalifici akkademici permezz ta' certifikati.

**38.** Fil-kaz tal-appellant, huwa applika biss fl-1999 biex jigi registrat, u l-kriterju dwar l-esperjenza prattika ma kienx ghadu aktar applikabbili, ghalhekk l-esperjenza li setgha kellu ma' John Gusman u ma' Victor Galea mill-1992 'il quddiem ma kienitx tiswielu la darba l-applikazzjoni tieghu saret fi zmien meta l-ligi kienet tirrikjedi kwalifiki accademici.

**39.** Ir-rikorrenti jillamenta wkoll li l-kwalifiki akkademici li ntalbu minnu fl-1999 huwa ma setax jiksibhom ghaliex l-Universita ta' Malta ma kenitx fethet il-korsijiet ghal zmien twil.

**40.** Illi mill-provi jirrizulta li apparti l-korsijiet li kienu gew imnedija qabel l-1999 li ssemmew aktar qabel u li l-appellant ma kienx dahal ghalihom, l-Universita ta' Malta kienet offriet ukoll il-kors ta' *dental technologists* darbtejn, darba fl-2001 u darb'ohra fl-2005 u r-rikorrent ghazel li ma jinkiteb fl-ebda wiehed minnhom. Illi fiz-zmien meta ma kienx hemm kors disponibbili hawn Malta, persuna setghet dejjem tmur tistudja barra minn Malta u ggib il-kwalifiki minn hemm kif isir f'certi professjonijiet.

**41.** Jigi rilevat li l-kriterju tal-kwalifika li l-Kunsill kien qed jitlob a bazi tal-Kap. 464 ma kienitx xi haga gdida izda kienet ilha tintalab sa mill-1986 cioe` qabel ma beda jipprattika bhala *dental technician* l-appellant.

**42.** B'referenza ghad-dokumenti li jinsabu a fol. 54 u 55, jirrizulta li dawn il-korsijiet kienu korsijiet qosra, ta' ftit granet u skont l-intimati ma kienux jilhqu l-kriterji li fuqhom il-Kunsill kien qed jimxi. Ic-certifikati l-ohra li l-appellant esebixxa ma kellhomx x'jaqsmu mal-professjoni li dwarha hu talab ir-registrazzjoni. L-appellant esebixxa wkoll certifikati ohra, ara fol. 101 u 102 tal-process, mahrugin mid-Dental Technicians Association tar-Renju Unit. Din l-assocjazzjoni, skont Gillian Mifsud, ma tikkwalifikax taht il-*Mutual Recognition Act* bhala entita` elegibbili ghar-registrazzjoni. Kif osservat ukoll l-ewwel Qorti billi l-appellant qaleb dik ir-registrazzjoni ma' registrazzjoni taht il-General Dental Council tar-Renju Unit, (ara fol. 135) hu ma jistax jibqa' jinsisti li l-Kunsill jaghraf l-ewwel registrazzjoni. Dwar din l-ahhar registrazzjoni pero` ma jfissirx li l-imsebbhin maghha awtomatikament huma elegibbili ghar-registrazzjoni billi xorta wahda huma jridu jigu accettati skont il-kriterji rikonoxxuti hawn Malta.

**43.** F'dan il-kaz ir-registrazzjoni tal-appellant fil-lista ta' *dental technicians* ma gietx accettata ghax huwa baqa' ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti mil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 28 tal-Kap. 464. (1)(c) u (3). Huwa ntalab li, apparti l-esperjenza li jinsisti li ghandu, jissottometti ruhu ghal mezzi ta' verifika tal-professjoni partikolari tieghu izda avolja saret din l-offerta, l-appellant xorta ma accettax ghax ippretenda li l-esperjenza li kellu kienet bizzejjed biex tikkwalifikah awtomatikament biex jigi registrat bhala *dental technician.*

**44.** Din il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li ma saret ebda diskriminazzjoni kontra l-appellant, konsegwentement dan l-aggravju qed jigi michud ukoll.

**Decide**

**45.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez tal-ewwel

istanza kif deciz mill-ewwel Qorti u l-ispejjez ta’ dan l-appell ghall-appellant.

Silvio Camilleri Geoffrey Valenzia Giannino Caruana Demajo
Prim Imhallef Imhallef Imhallef

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------